**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 21

**15 ta' Frar, 2021**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli - Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti - Kunsillier**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**

**ASSENTI B'OPOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3))**
**Oriana Calleja – Viċi Sindku**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.

## 21.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

21.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra tal-apoloġija li rċiviet mingħand il-Viċi Sindku Oriana Calleja minħabba li għandha eżami tal-istudju li qed tagħmel.

## 21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

21.2.1 Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni.

Ma kienx hemm korrezzjoni.

## 21.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

21.3.1 Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-pagamenti, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier Ronald Portelli ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Eugenio Muscat issekonda.

Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.

## 21.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

21.4.1 Sindku qal li l-Awtorita tal-Ippjanar ħarġet skema li diġa infurmajna lir-residenti fuq il-midja soċjali biex min hu interressat jista japplika biex jagħmel green wall mal-faċċata tar-residenza tiegħu. Huwa qal li tal-idea li bħala kunsill għandna napplikaw biex nagħmlu l-faċċata tal-kunsill bil-pjanti.

Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li jekk ma mmorrux kontra l-condominium tal-post hija taqbel li napplikaw. Il-Kunsillier Ronald Portelli huwa tal-istess idea.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li qabel ma napplikaw importanti li niċċekjaw jekk jagħmilx ħsara lill-ħajt. Il-Kunsillier Louise Cachia Catelletti qalet li l-Green Wall huwa insulated minnu nnifsu iġifieri jnaqqas mis-sħana u bard u apparti hekk minn jagħmlu jrid juża materjal li jipproteġġi l-ħajt.

Il-Kunsill qabel li rridu niċċekjaw mal-avukat jekk nistgħux napplikaw għalija. Jekk l-avukat jinfurmana li billi nagħmlu l-Green Wall mal-faċċata tal-kunsill ma mmorrux kontra l-condominium għandna napplikaw immedjatament.

21.4.2 Is-Sindku qal li rċevejna rikjesta minn naħa tal-kumpanija "Allure Yachting" biex jagħmlu banner mar-railings tar-rampa. Is-Sindku insista li jekk dan il-banner isir għandu jkun hemm ħlas dovut u tkun ikkunsidrata kemm l-estetika u kif ukoll l-impatt viżwali li dan jista jħalli fuq il-post, u fetaħ diskussjoni f'dan ir-rigward. Il-kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li d-dubju tagħha huwa li tista tidher kerha min naħa ta' wara. Il-Kunsillier Ronald Portelli ssuġġerixxa li minn wara ssir stampa tal-balavostri. Is-Sindku għoġbu s-suġġeriment u ħareġ bl-idea li l-banner tkun perforated

ħalli minn fuq triq ir-Rampa wieħed ikun jista jara minnha xorta.

Il-Kunsill qabel unanimament li din il-banner tista ssir dejjem, jekk minn wara tkun jew perforated jew inkella bi stampa tal-balavostri, u filwaqt li jsir kumpens finanzjarju xieraq lill-Kunsill.

Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv ġibditlu l-attenzjoni li l-bank jekk naqbżu l-mitt ċekk se jibda jiċċarġjana. Għaldaqstant qed jissuġġerixxi li l-onorarja u l-pagi tal-kunsill jibdew jidħlu dirett il-bank. Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li dawn is-suppliers il-kbar kollha jkollhom kont mal-BOV u l-HSBC, għaldaqstant jistgħu jibdew jitħalsu ukoll bl-internet banking ħalli niffrankaw it-tarrifi.

21.4.3

Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku qal li hemm il-ħsara fil-paneli tal-Blk E1 u infurmana li residenti ta' din il-blokka ma jriduhomx iktar fuq il-bejt tagħhom.

21.4.4 Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tikunsidra liem hi l-iktar option vijabli biex dawn il-paneli jimxu u joffru l-istess servizzi li diġa hemm iġifieri li joffru id-dawl fil-funtana u dawl dekorattiv tal-madwar. Il-Blokok li wieħed għandu jikkunsidra huma dawk l-aktar qrib ir-roundabout li huma Blk F2, Blk F3 u Blk B5. Il-Kunsill talab aġġornament fuq dan il-punt fil-laqgħa tal-kunsill li jmiss ħalli sussegwentement skond il-pratikabilita' ta' dak propost, eventwalment jiġi diskuss mal-amministratturi ta' dawn il- blokkok msemmija.

21.5

## Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

21.5.1 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti saqsiet jekk il-ħaxix il-ħażin li kienet irrapurtat ġiex mneħħi. Is-Segretajru Eżekuttiv ikkonfermatilha li dan ix-xogħol sar.

21.6

## Servizzi tad-drenaġġ Triq ix-Xatt;

21.6.1 Is-Sindku qal li hu u s-Segretarju Eżekuttiv reġgħu iltaqgħu mar-rappreżentanti tal- waterservices u wara dan il-meeting biddel il-fehma tiegħu. Huwa xtaq jispjega li dan il-proġett il-kunsill rrid iħares lejh bħala investiment u ma kienx ser jiġi fi żvantaġġ finanzjarju minħabba li kienet ser ssir talba biex il-pagament jibda jsir kull xahar fuq diversi numru ta' snin ħali ma jħosshomx.

Is-Sindku qal li waqt dan il-meeting tal-waterservices qalu li l-Kunsill ser jkun responsabli għal manutenzzjoni u l-ħsarat li jkun hemm. Għaldaqstant, għalkemm s-Sindku kien l-ewwel wieħed li rrakomanda li ninvestu f'dan il-proġett, qal li ma jaqbilx totalment minħabba li bħala kunsill m'għandux ir-riżorsi biex iħallas l-ħsarat u manutenzjoni li jkun hemm bżonn.

Is-sindku qal li kien hemm PQ fil-parlament u xtaq jiċċara l-affarijiet. Huwa qal li l-water services qed jiġi b'dan ir-raġunament minħabba li huma qed jsostnu l-argument li għal fini ta' gvern, servizzi mgħoddija hemm pero l-problema hija li by gravity peress li hemm dislivell hemm bżonn pompa. Igifieri il-gvern normalment jidħol għal xi ħaġa hekk meta ma jkunx hemm servizzi xejn imma f dan il każ hemm servizzi li qedin mgħoddijien fuq ir-Rampa Ta' Xbiex.

Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li la residenti huma moqdija ma tarax għalfejn għandu jsir dan il-proġett.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat baqa jsostni li l-gvern għandu jagħmel dawn l-ispejjeż minħabba li r-residenti diġa qegħdin moqdija.

Il-Kunsillier Ronald Portelli peress li hemm spiża kbira ma jaqbilx.

Il-Kunsill unanimament mhux qed jaqbel li dan il-proġett ssir.

## Dwal tal-Enemalta u Public Works fi Triq ix-Xatt;

Is-Sindku qal li x-xatt hemm problema li qed jinqata dawl kemm tal-Enemalta kif ukoll d-dawl li huma responsabbli minnhom il-public works. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tal-public work talabhom biex jinxtara apparat żgħir l-kunsill gew infurmati li nxtara appparat li gie issuġġerrit mill-public works u suppost il-problema s-solviet.

## 21.7 Maltapost Triq ir-Rampa;

21.7.1 Sindku qal li ġibdulu l-attenzjoni li l-letter box ta' Triq ir-Rampa qeda f'nofs il-bankina u biex tgħaddi b'xi pushchair jew siġġu tar-roti trid tinżel il-bankina. Is-Sindku qal li aparti hekk jaħseb li għandna ntuwha post iktar prominenti iġifieri jew viċin il-Belvedere jew nkella fil-bidu tar-rampa n-naħa tal-Gżira. Il-Kunsilliera Louise Cachia Castelletti, Eugenio Muscat u Ronald Portelli jaqblu li ssir fit-tarf tar-rampa n-naħa tal-Gżira.

21.8 Il-Kunsilliera Louise Cachia Castelletti u Eugenio Muscat qalu li hemm hekk kull erba' passi trid tinżel il-bankina minħabba t-taraġ. Huma proponew li bl-istess raġunament għandha titwessa l-
21.8.1 bankina. Is-Sindku rigward il-bankina qal li jrid jiċċekja mal-perit nistgħux nwessaw il-bankina u jrid iżomm f'moħħu li hemm żewġ karreġġjati. Huwa qal ukoll li fi żmien sentejn, tlett snin jixtieq li jippuxxja lill-gvern biex jagħmlielna Triq ir-Rampa u parti mil-proġett jsiru tipo ta' gallarijiet jagħtu għal baħar. Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li kieku anke nżiedu d-dwal.

Is-Sindku qal li nistgħu nkellmu lill-perit biex naraw jekk nistgħux nwessaw il-bankina għal futur.

21.8.2

Il-kunsill qabel unanimament

## Skema SPI//SCI/7/2020 – "Smart Solutions" għall-Immaniġġjar tal-Iskart;

Is-Sindku qal li bħalissa hemm skema miftuħa fuq l-ambjent u ssuġġerixxa li napplikaw biex jinxtraw iktar solar bins bħal ma hemm ix-xatt. Huwa qal li biex ikollna iktar sorsi biex nieħdu iktar fondi nistgħu ningħaqdu mal-kunsilli ta-Msida, San Ġwann u Pieta.

Il-Kunsill qabel.

## Vakanza ta' Skrivan/a fuq bażi part-time;

21.9

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-kunsill li għalqet l-applikazzjoni ta' skrivan/a fuq bażi part- time.
21.9.1 Hija qalet li hemm ħames persuni interessati.

Il-Kunsill qabel li fil-bord ikunu s-Sindku Max Zammit, l-Kunsillier Eugenio Muscat u l-Kunsillier Ronald Portelli.

Is-Sindku propona li l-interviews għandhom jsir nhar

21.10 Il-Kunsill qabel.

## 21.10.1 Karnival;

Is-Sindku ppropona sabiex l-attivta' tal-karnival tiġi posposta għas-sena dieħla u dan il-kunsill b' responsabilita' ma jkunx qiegħed ipoġġi s-saħħa tar-residenti u ta' dawk li jipparteċipaw fl-attivita' f'riskju minħabba l-Covid–19.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 21.11 Lesa Cameras;

21.11.1 Is-Sindku qal li huwa tkellem mal-entita' tal-Lesa rigward il-problema tal-iskart li dejjem jinħareġ fi Triq Emanuel Galizia, huwa qal li huma offrulna li aħna nistgħu nweħlu l-camera u nqabduha mas-sistema tagħhom ħalli huma jkunu jistgħu jimmoniterjawha.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 21.12 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

21.12.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat fakkar li kellha teħel tabella li turi li hemm cctv fi Triq Giuseppe Cali kantuniera ma Triq Sir Ugo Mifsud. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota tagħha.

## Rapporti mill-Kunsilliera;

Ma kienx hemm

## 21.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss;

21.13.1 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir it-Tnejn 15 ta' Frar fl-erbgħa ta' wara nofsinhar.

21.14 Il-laqgħa intemmet fis-sitta u nofs ta' filgħaxija.

21.14.1 Konfermati llum it-Tnejn 15 ta' Frar, 2021.

21.15

21.15.1

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ________________ | ____________________ |
| Max Zammit | Yasmine Tonna |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |